

## IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

### Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-24 ta' Settembru 2009 — Brown vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-37/05) <sup>(1)</sup>

(Servizz pubbliku — Kompetizzjoni interna għall-istituzzjoni — Eliġibbiltà — Membri tal-persunal awżiljarju — Rifjut ta' kandidatura)

(2009/C 267/148)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrent: Michael Brown (Overijse, il-Belġju) (rappreżentant: L. Vogel, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: H. Tserepa-Lacombe u K. Herrmann, aġenti)

#### Suġġett tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni COM/PB/04, kompetizzjoni ta' trasferiment minn kategorija C għal B, li tirrifjuta li tammetti lir-rikorrent għall-eżamijiet ta' selezzjoni minn qabel tal-imsemmija kompetizzjoni, għar-raġuni li huwa ma jissodisfax il-kundizzjoni statutorja mitluba fid-data ta' skadenza għall-preżentata tal-kandidaturi

#### Dispożittiv tal-kawża

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 193, 6.8.2005, p. 36 (kawża li inizjalment ġiet irreġistrata fil-Qorti tal-Prim'istanza tal-Komunitajiet Ewropej bin-numru T-208/05 u mbagħad ġiet ittrasferita lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea b'digriet tal-15.12.2005)

### Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-10 ta' Settembru 2009 — Van Arum vs Il-Parlament

(Kawża F-139/07) <sup>(1)</sup>

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Evalwazzjoni — Rapport ta' evalwazzjoni — Portata tal-iment imsemmi fl-Artikolu 90 tar-Regolamenti tal-Persunal)

(2009/C 267/149)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

#### Partijiet

Rikorrent: Rinse Van Arum (Winksele, il-Belġju) (rappreżentant: W. van den Muijsenbergh, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentant: J. F. De Wachter, C. Burgos u K. Zejdová, aġenti)

#### Suġġett

Servizz pubbliku — Talba għall-bdil, jew sussidjarjament għall-annullment tar-rapport ta' evalwazzjoni, u għall-kundanna tal-konvenut għall-ħlas tas-somma simbolika ta' EUR 1 bħala danni.

#### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha stess.

<sup>(1)</sup> ĠU C 92, 12.4.2009, p. 49.

### Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-10 ta' Settembru 2009 — Rosenbaum vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-9/08) <sup>(1)</sup>

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Ħatra — Klassifikazzjoni fi grad — Talba għal klassifikazzjoni mill-ġdid — Kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 13 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Teħid inkunsiderazzjoni tal-esperjenza professjonali — Reklutaġġ fil-grad tal-kompetizzjoni — Artikolu 31 tar-Regolamenti tal-Persunal — Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni — Moviment liberu tal-ħaddiema)

(2009/C 267/150)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

#### Partijiet

Rikorrenti: Eckehard Rosenbaum (Bonn, il-Ġermanja) (rappreżentant: H.-J. Rüber, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u B. Eggers, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja (rappreżentanti: M. Simm u M. Bauer, aġenti)

#### Suġġett tal-kawża

Servizz Pubbliku — Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni li tikklassifika lir-rikorrent, li għadda minn kompetizzjoni għall-kostituzzjoni ta' lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' amministraturi fil-grad A6/A7, sa fejn din tagħtih il-grad AD 6/2 u, min-naħa l-oħra, talba għal klassifikazzjoni mill-ġdid.

**Dispożittiv tas-sentenza**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) E. Rosenbaum huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu u dawk tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.
- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, intervenjent, għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

(<sup>1</sup>) ĠU C 64, 8.3.2008, p. 70.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-24 ta' Settembru 2009 — Schell vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-36/08) (<sup>1</sup>)

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Għoti ta' punti ta' promozzjoni mid-Diretturi-Ġenerali — Proċedura ta' promozzjoni)

(2009/C 267/151)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Arno Schnell (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: F. Frabetti, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u G. Berscheid, aġenti)

**Suġġett**

Servizz pubbliku — Annullament tar-rapport tal-iżvilupp tal-karriera tar-rikorrent għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006 u l-annullament tar-rapport ta' promozzjoni 2007 tiegħu.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) A. Schell huwa kkundannat għall-ispejjeż kollha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 142, 7.6.2008, p. 40.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-15 ta' Settembru 2009 — Hartwig vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-141/06) (<sup>1</sup>)

(Ħatra — Membru tal-persunal temporanju maħtur uffiċjal — Kandidat imniżżel fuq lista ta' riżerva ta' kompetizzjoni ppubblikata qabel id-dħul fis-seħħ tal-Istatut il-ġdid — Klassifikazzjoni fi grad bl-applikazzjoni ta' regoli ġodda inqas favorevoli — Miżuri tranżitorji tal-Anness XIII tal-Istatut)

(2009/C 267/152)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Marc Hartwig (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: T. Bontinck, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u H. Krämer, aġenti)

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Parlament Ewropew li ġew fis-seħħ fis-16/04/2006 li permezz tagħhom ir-rikorrenti, membru tal-persunal temporanju kklassifikat fil-grad B\*7 u li għadda mill-kompetizzjoni esterna PE/34/B, ġie maħtur uffiċjal bil-klassifikazzjoni B\*3, skala 2, bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Anness XIII tal-Istatut.

**Dispożittiv**

- 1) M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors F-141/06, Hartwig vs Il-Kummissjoni.
- 2) Kull parti għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 20, 27.1.2007, p. 40.

**Rikors ippreżentat fl-10 ta' Settembru 2009 — Sukup vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-73/09)

(2009/C 267/153)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Viktor Sukup (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: Stéphanie Rodriguez u Christophe Bernard-Glanz, avocats)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej